MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1819/2005

**Attard & Co Limited – C10131**

**Vs**

**Mario Randon I.D. 702946(M)**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem Boats n'Sails**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erba` Liri Maltin u seba` u sittin centezmu (LM104.67), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, u bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici ppresentata fid-29 ta' Novembru 2005 li permezz taghha gie cedut is-sorte izda nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjes;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghall-ispejjes tal-kawza bil-gurament u b'hekk l-istess jigu ippruvati (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ispejjes ta' din l-istanza kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------